**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump 05/2001***

***Pulizija***
***Spettur Michael Cassar***
***vs***
***Samuel Ritchie***

Illum 5 ta' Jannar 2000
Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Samuel Ritchie huma bazati fuq ir-reati ta':

**Pussess Illegali** u **Traffikar** tad-droga eroina referibilment ghal *Marzu 1994***;**

**Pussess Illegali (semplici)** tad-droga kokajina matul ix-xhur ta' *Jannar, Frar u Marzu 1994*;

**Komplicita'** fir-reat ta' Traffikar tad-droga kokajina, **u Assocjazzjoni ghall-iskop ta' traffikar** tal-istess droga *– fil-5 ta' April 1994 u fit-tlett xhur ta' qabel din id-data.*

***Rapport ma' Robert Borg***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi rizultat ta' tficcija li l-pulizija ghamlet go appartament – li f' dak iz-zmien kien mikri lill certu Robert Borg, zaghzugh ta' **21 sena** - f' Ta' Xbiex fil-**5 ta' April 1994,** nstabet u giet elevata ammont sostanzjali tad-droga, principalment kokajina u oggetti ohra relatati mal-abhuz tad-droga, inkluz mizien elettroniku li kien jintuza sabiex tintizen id-droga.

Illi l-imsemmi Robert Borg ammetta li dik id-droga kienet tieghu, hlief ghall-mizien li qal li kien jappartjeni lill-imputat. Huwa spjega li xi zmien ilu kien xtara arlogg minghand l-imputat u beda jhallsu bin-nifs, bir-rizultat li l-imputat sar jafu aktar. Sussegwentement l-imputat kien ssuggerielu sabiex jibdew jinnegozjaw fid-droga u weghdu li b'hekk kien ser iqallaw hafna flus. Borg accetta.

In breve il-ftehim li ssuggerielu l-imputat kien fis-sens li Robert Borg johrog u jghaddi l-flus lill-imputat li minn naha tieghu kellu jixtri d-droga u jbighha bil-qligh li kellu jaqsam mal-imsemmi Robert Borg. Izda fil-fatt li kien sar kien li Borg kien jixtri d-droga kokajina minghand in-nies li kien jindikalu l-imputat, imbaghad jghaddiha lill-istess imputat sabiex dan ibighha. Inizjalment l-ammont kien piuttost sostanzjali, izda gradatament beda jonqos.*(vide dok.d2-fols.51-52)*

Illi wara li ghadda z-zmien Robert Borg hass li l-imputat kien qed jidhaq bih u li *"il-qligh ma kienx qed jidher"*. Di fatti, Borg qal: *"Jiena ma nafx kemm mort minn that minn din l-avventura pero' zgur li mort mijiet ta' liri minn that ...." (Stqarrija Robert Borg Dok.D2 – dok.MCX1).*

Illi ghaldaqstant Robert Borg kien iddecieda li jieqaf minn din l-attivita' u d-droga li sabu l-pulizija kienet dak li fadal minn dan in-negozju. Huwa spjega wkoll li meta l-imputat sar jaf b' din id-decizjoni ta' Borg, huwa kien mar ghandu u ghamel hafna storbju sabiex jghatih id-droga li kien ghad fadallu.

Robert Borg qal ukoll li huwa kien ilu juza d-droga kokajina <u>ghall-ahhar tlett xhur minn meta kien gie arrestat u cioe' mill-5 ta' April 1994; u ukoll li kien l-imputat li kien qabbadhielu.</u>

Illi din hija in sostanza il-versjoni mghotija minn Robert Borg fl-istqarrija tieghu lill-pulizija u li kienet giet ikkonfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkiwirenti, u li kienet regghet giet ikkonfermata minnu bil-gurament quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti hija tal-fehma li din il-versjoni hija veritiera u tghatiha affidament. F' dan ir-rigward thoss opportun li tosserva li meta Robert Borg kien rega' xehed quddiem din il-Qorti in kontro ezami, kien hemm istanzi meta dana pprova jdghajjef l-effett probatorju tal-versjoni tieghu u wkoll beda prova jevadi domandi diretti, anki tal-Qorti, izda fl-ahhar tad-deposizjoni tieghu huwa kkonferma s-sostanza tal-versjoni tieghu.

L-imputat cahad konsistentement dawn l-allegazzjonijiet mghamula kontra tieghu.

Il-Qorti studjat bir-reqqa d-deposizjonijiet ta' dan Robert Borg, u m' ghandha ebda dubbju dwar il-veracita' tal-versjoni tieghu kif dettaljatament moghtija fl-inkjesta magisterjali u sussegwentement ikkonfermata anki quddiem din il-Qorti – konkluzjoni raggjunta anki mill-komportament tax-xhud fuq il-pedana.

In fine il-Qorti tosserva li l-fatt li fir-residenza tal-imputat ma nstabitx ammont relevanti ta' droga, anzi sabet biss oggetti bit-tracci tad-droga, ma jimmiltax kontra din il-konkluzjoni. Il-Qorti hija konxja minn diversi kazijiet fejn traffikanti kbar – u anki mhux daqshekk kbar – ma jzommux droga fir-residenza taghhom, b' tentattiv li jinnewtralizzaw l-allegazzjonijiet ta' traffikar ta' droga li jistghu jigu mghamula kontra taghhom mill-kompraturi tal-istess.

***<u>Rapport ma' Victor Zammit</u>***

Illi nill-provi rrizulta wkoll sodisfacentement provat li fit-23 ta' Marzu 1994 il-pulizija arrestat lill certu Victor Zammit u sabet u elevat minnu fuq il-persuna tieghu hames pakketti droga eroina. Dana spjega li dak in-nhar huwa kien mar ihabbat ghand l-imputat u dana tah dawk il-pakketti. Zammit qal ukoll li ma kienx zammlu flus, u li kien hemm xi zewg okkazzjonijiet ohra li l-imputat kien tah l-eroina minghajr flus. Huwa qal li f' dak iz-zmien ma kienx ilu wisq jabbuza mid-droga *"kont ghadni fil-bidu" (fol.58).*

Illi l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tghati affidament ghal din il-versjoni ta' Victor Zammit, li del resto lanqas biss issemmiet mill-imputat fid-deposizjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti.

***<u>Rapport ma' Alfred Sammut</u>***

Illi mill-assiem tal-provi rrizulta wkoll li fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' April 1994, il-pulizija, konsegwezna ta' investigazzjonijiet li kienet qeda tghamel, ghamlet tficcija ghal arrieda fir-residenza tal-imputat, bir-rizultat li minn go box room elevat kaxxa taz-zraben li fiha oggetti relatati mal-abbuz ta' droga bil-konsum u li fuq xi uhud minnhom kien hemm tracci tad-droga kokajina.

Illi l-imputat sostna li dawk l-oggetti ma kienux tieghu izda kienu ta' certu Alfred Sammut li kien hallihom ghandu f' wahda mill-okkazjonijiet li dan kien mar fir-residenza tal-imputat. L-imputat spjega ulterjorment li l-imsemmi Sammut kien xtara karrozza minghandu u dana tah cheque li ma ssarrafx. Ghalhekk meta dan gie ghall-karrozza l-imputat ma kkonsenjahielux. Skond l-imputat Sammut halla dawk l-

oggetti ghandu, izda ma setax jispjega ghalfejn. Huwa hass li, ghalkemm kien konxju li kienu oggetti relatati mal-abbuz tad-droga, huwa ma kellux dritt jarmihom peress li ma kienux proprjeta' tieghu – izda hbihom fil-*'box room'* peress li kellu t-tfal tieghu joqghodu mieghu hemmhekk.

Fix-xhieda tieghu l-imsemmi Alfred Sammut qal li huwa kien mar f' xi okkazzjonijiet ghand l-imputat biex ikellmu fuq il-karrozza, izda nnega li kien halla dawk l-oggetti li sabu l-pulizija ghand l-imputat.

Anki f' dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li l-versjoni mghotija mill-imputat mhijex affidabbli, u hija fjakka ghall-ahhar.

Il-Qorti tirrileva li qabel dan il-kaz l-imputat kien ghamel <u>circa 7 snin fil-korp tal-pulizija</u>; u ghalhekk minhabba din l-esperjenza li kellu fil-korp, kif ssottomettiet ben tajjeb il-prosekuzjoni fin-Nota taghha, l-imputat kien jaf ghaliex iservu dawk l-affarijiet (fatt li gie ammess minnu stess), kien jaf <u>l-implikazzjonijiet legali ta' auto inkriminazzjoni li l-pussess taghhom kien jimporta</u> – ghaldaqstant l-Qorti ma tistax taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni tieghu **li huwa ma kienx ramihom ghax ma kienux proprjeta' tieghu.! Multo magis meta jigi kkunsidrat lki l-oggetti misjuba ma kellhom ebda valur monetarju jew sentimentali.**

L-impressjoni li hadet din il-Qorti minn dak li semghet u osservat huwa li l-imputat huwa bniedem intelligenti, u zgur ma kienx ser jaqa' fin-nassa li qed jallega li saritlu. Izjed u izjed meta Alfred Sammut kien, skond hu, prezsentalu cheque falz, u allura ma kien hemm ebda rabta ta' xi hbiberija specjali.

***<u>Perijodu inkriminat</u>***

Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difisa ttentat takkampa mal-fatt li, skond hi kien hemm diskrepanza fid-dati li joholqu konfuzjoni. Il-Qorti tosserva li dan mhu minnu xejn:

Fl-istqarrija guramentata datata **<u>6 ta' April 1994</u>** ta' Robert Borg, dan meta kien qed jitkellem fuq il-ftehim li ghamel mal-imputat qal: *"Jien ili mdahhal f' dan ic-cirku sa minn xaharejn sa tlett xhur ilu."(Dok.D1 – dok.AG. fol.32)*

Fl-istqarrija datata **<u>23 ta' Marzu 1994</u>** konfermata minnu bil-gurament, Victor Zammit qal f' termini cari li huwa kien xtara d-droga minghand l-imputat *"dalghodu"* (Dok.D1 fol.6). L-ex Spettur Mario Bartolo ikkonferma din id-data fix-xhieda tieghu.

Illi ghalhekk ma hemm ebda dubbju li l-attivita' kriminuza kommessa mill-imputat fil-konfront ta' dawn l-individwi tidhol fil-paramentru tal-perijodu inkriminat.

Illi rigward it-tficcija li saret fir-residenza tal-imputat, id-difisa ssollevat li hemm konfuzjoni fid-data stante li xi uhud mix-xhieda semmew dati differeni. Dan huwa spjegat bil-fatt li t-tficcija saret fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 ta' April. Fil-fatt l-imputat kien gie interrogat fis-7 ta' April 1994.

<u>Il-Qorti tirrileva li mhux kull diskrepanza fix-xhieda ghandhu jkollu bhala konsegwenza taghha l-iskartar totali tad-deposizjonijiet koncernati</u>. Dan jiddependi minn diversi fatturi, bhala per es. ic-cirkostanzi tal-kaz u il-kwalita' tal-prova u jekk hix determinanti jew krucjali ghal kaz, kif ukoll il-fatt ta' kemm il-Qorti tista' tasal b' mod sodisfacenti ghall-istampa vera. F' dan il-kaz ma hemm ebda dubbju li mill-kumpless tal-provi jirrizulta car li fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 ta' April 94 (u allura fil-perijodu inkriminat) saret it-tficcjija fuq indikata. Ta' min isemmi pero' ghal korrettezza li PC 657 Mario Micallef ma semmiex id-data 6 April **1996** (kif indikat id-difiza) izda 6 April **1994** (fol.30).

In fine huwa opportun li jigi osservat li l-prosekuzjoni ghandha d-dritt li tirregola l-provi taghha u l-obbligu taghha huwa li tressaq dawk il-provi kollha li hi <u>thoss li huma relevanti ghal kaz</u>; u id-difisa m' ghandhiex tippretendi li tiddetta xi provi ghandha tressaq il-prosekuzjoni. Li ma tistax tghamel il-prosekuzjoni huwa li bi slejalta' lejn l-amministrazzjoni tal-gustizzja, tipprova **tahbi** xi provi li tkun konxja tal-esistenza taghhom.. Dan certament u defenittivament ma rrizultax f' dan il-kaz. Fil-fatt mill-provi mressqa mill-prosekuzjoni rrizultaw l-ismijiet kollha tal-persuni li semmiet id-difisa fin-Nota taghha. Kieku hasset opportun li tismaghhom id-difisa kellha kull dritt li tressaqhom bhala xhieda taghha.

## ***<u>Responsabilita' Kriminali</u>***

Illi il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li mill-provi prodotti jikkonfiguraw is-segwenti reati fil-konfront tal-imputat:

Fir-rapport tieghu ma' Victor Zammit, ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** assorbit fir-reat ta' **Traffikar** tad-droga <u>eroina</u>.

Fir-rapport tieghu ma' Robert Borg, ir-reat ta' **Assocjazzjoni** ghall-iskop ta' Traffikar tad-droga <u>kokajina</u> kontemplat fl-Artikoli 22(1)(A) u 22(1)(f) tal-Kap.101. Mill-provi

rrizulta sodisfacentement li **l-imputat kien il-persuna li arkitettat u stimulat l-attivita' kriminuza** kommessa minn Robert Borg.

**Komplicita' fir-reat ta' Traffikar** tal-istess droga, li fihom jinsab assorbit ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)**. A skans ta' ekwivoci qed jigi rilevat li l-komplicita' tikkonfigura fil-fatt provat li l-imputat kien indikalu n-nies li minghandhom l-istess Robert Borg kellu jixtri d-droga. Huwa opportun li jinghad ukoll li din l-azzjoni tinkwadra wkoll fid-defenizzjoni tar-reat ta' **Traffikar** kif skolpita fl-artikolu 22(!B) tal-Kap.101.

Rizultat ta' tficcjia li saret fir-residenza tieghu, ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tad-droga <u>kokajina</u>.

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghall-piena l-Qorti kkunsidrat bhala fatturi aggravanti s-segwenti:

**1.** It-tip ta' droga involuta – li l-effetti nocivi taghha huma barra diskussjoni.

**2.** L-esperjenza li l-imputat ghandu, rizultat ta' zmien twil bhala membru tal-Korp tal-Pulizija. F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li din l-esperjenza zgur kkontribwiet sabiex l-imputat jikkommetti din l-attivita' kriminuza **b' riskji - ferm anqas** minn persuni ohra li ma' ghandhomx esperjenza fl-imsemmi Korp – li jinqabad. Fi kliem iehor, din l-esperjenza tghamilha ferm aktar difficli ghall-pulizija sabiex tasal ghal u taqbad l-awtur ta' reat kommess minn tali persuna – <u>u dana bi pregudizzju ghas-socjeta'.</u>

**3.** Il-gravita' u n-natura tar-reati, b' mod partikolari r-reat ta' **Assocjazzjoni** li huwa reat serju u li jista' jigi kommess anki minghajr ma l-agent jmiss mad-droga u cioe' minghajr qatt ma jkollu l-pussess materjali taghha – **<u>bir-rizultat li l-prova tar-reat u tal-identifikazzjoni tal-awtur tieghu ssir aktar difficli.</u>**

Il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat.In vista tal-premess, il-Qorti ser timponi piena ta' prigunerija proporzjonalment harxa sabiex isservi bhala deterrent adegwat u effettiv.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u – wara li rat r-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39 u l-Art.22(f), 22(2)(B)(I) tal-Kap.101 u l-Art.17 u 42(d)(e) tal-Kap.9 – tikkundannah ghal piena ta' ***prigunerija ghal zmien erba snin*** – mill-liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat kien dam mizmum taht

arrest preventiv in konnessjoni mal-kaz odjern – u ***multa ta' elfejn lira maltin (LM2,000)***. In fine tordna d-destruzzjoni tad-dok.MC1 a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***